MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 4(2009), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, is-7 ta' April 2009, fl-4.30 p.m.

1. **<u>Preżenti</u>** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Il-Laqgħa Annwali
5. Ittra lill-Island Sanctuary dwar in-*Neutering* tal-klieb u qtates
6. Il-*Performance Bonus* tal-Impjegati
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Affarjiet Oħra

**2. <u>Qari tal-Minuti</u>**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa numru 3(2009) u dawn ġew approvati.

**3. <u>*Arising* mill-Minuti</u>**

**3.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa 'l Kunsill li l-Prinċipal tal-Kulleġġ San Tumas More kienet infurmat 'l Kunsill li s-Sala tal-Iskola Primarja ma setgħetx tintuża għal-laqgħa għall-pubbliku dwar il-propost inċineratur f'Delimara minħabba li kien għadu ma tlestiex ix-xogħol fis-sala.

**4. <u>Korrispondenza</u>**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Dwar l-ittra tal-Avukat Owen Bonnici dwar jekk kienx hemm oġġezzjoni mill-Kunsill għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fuq in-naħa tal-baħar quddiem il-Fornaio d'Oro, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv iwieġbu li ma kienx hemm oġġezzjoni min-naħa tal-Kunsill.

**4.3** Dwar l-ittra tas-Sur Rabaiotti u l-ilment tiegħu dwar l-istat tat-triq li tagħti għal Xrobb l-Għaġin, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinfurmah li, waqt li jsiru x-

xogħlijiet tal-Park Nazzjonali, din it-triq ser tintuża minn trakkijiet industrijali li jikkaġunaw ħafna ħsara u għalhekk il-Gvern ser jiksi t-triq mill-ġdid wara li jitlesta x-xogħol.

**4.4** Dwar l-iskema sabiex persuni li ilhom jirreġistraw għax-xogħol jingħataw xogħol mal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill iddeċieda li jitlob għal persuna li tibni ħitan tas-sejjieħ, *electrician*, wieħed biex jiżbogħ il-bankijiet, ieħor għat-tiswija tal-bankini u wieħed biex jiskannja l-*press cuttings* biex jiddaħħlu f'*data base.*

**5.** **Kommunikazzjonijiet tas-Sindku**

**5.1** Nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu 2009, il-Kunsill kien iltaqa' mas-Segretarju Permanenti, l-Inġ. Chris Ciantar, dwar il-proġett tat-tisbiħ tax-Xatt u fejn ser jiċċaqlaq is-suq waqt li jsiru x-xogħlijiet fuq in-naħa tal-baħar. Kellha ssir laqgħa fuq il-post mal-Perit Ray Farrugia u l-Perit Joe Zerafa Boffa dwar it-tlett għażliet li ppropona l-Kunsill. Dawn kienu : Triq it-Trunċiera, il-Magħluq u t-Triq tal-Power Station.
L-Inġ. Ciantar aċċetta li l-laqgħa għall-pubbliku dwar il-propost inċineratur issir l-Erbgħa, l-1 ta' April 2009.

**6.** **Il-Laqgħa Annwali**

**6.1** Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa Annwali ssir nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Mejju 2009..

**7.** **Ittra lill-Island Sanctuary dwar in-*Neutering* tal-klieb u qtates**

**7.1** Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikkuntattja lil Claire Gafa' li tieħu ħsieb il-klieb fl-Island Sanctuary sabiex jistaqsiha meta se jibda l-programm ta' *neutering* ta' klieb u qtates f'Marsaxlokk.

**8.** **Il-*Performance Bonus* tal-Impjegati**

**8.1** Il-Kunsill approva unanimament li l-impjegati tal-Kunsill jingħataw il-massimu tal-*performance bonus* li huma intitolati għalieħ; dan kien ta' persentaġġ ta' 10% tas-salarju bażiku għas-Segretarju Eżekuttiv u ta' 6% għad-Deputat Segretarju u l-Iskrivan.

**9.** **Approvazzjoni ta' Ħlasijiet**

**9.1** Il-Kunsillier Grech, issekondat mill-Kunsillier Cassar, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | **€** |
|---|---|---|
| Anġlu Grech | Konkos għaċ-ċint Triq it-Trunċiera 02.03.09 (4309) | 86.73 |
| Anġlu Grech | Konkos għaċ-ċint Triq it-Trunċiera 11.03.09 (4693) | 115.64 |
| Anġlu Grech | Konkos għaċ-ċint Triq it-Trunċiera 13.03.09 (4699) | 57.82 |
| Bitmac (Works) Ltd | *Cold asphalt* | 76.94 |
| Carmel Mifsud | Tindif tax-Xatt Jan/Frar 09 | 2986.46 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Frar u Marzu 09 (80 siegħa X €5.59) | 447.20 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 25.03.09 | 23.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann 17.03.09 | 36.36 |
| Central Asphalt | *Cold asphalt* għall-*patching* Xatt is-Sajjieda 20.03.09 | 195.00 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Frar 09 | 1156.68 |

| | | |
|---|---|---|
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Frar 09 | 159.43 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Frar 09 | 565.77 |
| Emirates | 3 passaġġi tal-ajru għall-konferenza f'Ċipru | 416.97 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Frar 09 | 1030.75 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Marzu 09 | 1030.75 |
| F Caruana Bros | Għodda għall-ħaddiema | 156.34 |
| Francis Attard | Taxi għall-MIA, konferenza Ċipru | 28.00 |
| Francis Spiteri | Tqegħid ta' ġebel, ċint Triq it-Trunċiera | 547.00 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-djar Frar 09 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ | 58.23 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-djar Mar 09 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ | 58.23 |
| G4S | Cash-in-transit Feb 09 | 30.26 |
| GO | 21659555, Frar 09 | 25.40 |
| GO | 21659555, Mar 09 | 24.72 |
| GO | 21652525, Frar 09 | 226.67 |
| GO | 21650937, Frar 09 | 59.57 |
| GO | 21650937, Mar 09 | 46.66 |
| GO | 21652392, Mar 09 | 17.91 |
| GO | 21652392, Apr 09 | 19.59 |
| Galea Studio | Luzzu, rigal għall-konferenza Ċipru | 38.22 |
| Gasan Mamo Insurance | Assikurazzjoni tal-Ivjaġġar, konferenza Ċipru | 61.15 |
| Gemma Cuschieri | Tindif tal-Uffiċċju 4 Diċ 08 - 26 Mar 09 (X15) | 315.00 |
| Horace Enterprises | Plakka għas-Surmast | 23.28 |
| In Design Malta Ltd | Uniformijiet | 225.56 |
| In Design Malta Ltd | Uniformijiet | 933.54 |
| Jason Gauci | Mobile Cards Marzu 09 | 150.00 |
| Jason Gauci | Gazzetti Frar 09 | 84.55 |
| Jason Gauci | Mobile Cards April 09 | 150.00 |
| Jason Gauci | Gazzetti Marzu 09 | 97.71 |
| Joseph Grech | Rigali għall-konferenza Ċipru | 36.00 |
| Leon Promotions | Attivita' tal-Karnival | 3160.40 |
| M.G. Pulis (Brumi) | Tiswijiet lill-pompa tal-ilma | 95.83 |
| Maltapost | Bolol | 57.00 |
| Manwel Cutajar | Tħammil ta' terrapien u tqattiegħ ta' blat | 4370.00 |
| mita | *Support services* | 93.81 |
| Patrick Cellars | Ilma | 34.95 |
| Publishers Enterprises Group | Kotba ghal-Librerija Pubblika | 102.79 |
| Veritas Press | Fuljett Ott 08 | 1517.25 |
| Waste Oils | Ġbir ta' żejt użat | 36.00 |
| WasteServ | Bring-in-site bins Jan 09 | 296.59 |
| WasteServ | Bring-in-site bins Frar 09 | 267.88 |
| Water Services Corpoation | Ġnien il-Familja 30.06.08 - 17.09.08 | 527.84 |
| Water Services Corpoation | Winchroom, Ilma 30.06.08 - 15.09.08 | 63.00 |
| Water Services Corpoation | Winchroom No 1, Dawl 30.06.08 - 15.09.08 | 19.41 |
| Water Services Corporation | Winchroom(1), Dawl u Ilma 30.06.08 - 15.09.08 | 96.88 |
| Water Services Corporation | Winchroom(2), Dawl u Ilma 30.06.08 - 15.09.08 | 68.72 |
| | **Total** | **€30566.12** |

Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**10.** **<u>Affarjiet Oħra</u>**

**10.1** Peress li n-nominazzjonijiet għar-rikonoxximenti u għal Ġieħ Marsaxlokk kellhom jagħlqu fit-13 ta' April 2009, il-Kunsill iddeċieda li jiltaqgħa bħala sotto-kumitat nhar it-Tlieta, 14 ta' April 2009, biex jevalwa n-nominazzjonijiet u jiddeċidi min se jiġi onorat f'Jum Marsaxlokk.

**11.** Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 p.m.

**Stephen Caruana**
**Sindku**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**